**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 30 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1089/01 AJD*

Mary Doris Attard

vs

Link School of Languages Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Settembru, 2001, fejn gie premess li l-kumpanija konvenuta ggib l-istudenti min barra u tghallimhom l-Ingliz. L-attrici, bejn Gunju u Lulju, 2001, offriet l-akkomodazzjoni lil xi studenti klijenti tal-kumpanija konvenuta, skond il-ftehim li ntlahaq mal-kumpanija konvenuta (Dok. B). Il-kumpanija konvenuta naqqset li thallas lill-attrici tas-servizzi u dan minkejja diversi talbiet li ghamlet l-attrici, anke permezz ta’ ittra bonarja (Dok. C). Ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Il-kumpanija konvenuta giet mitluba thallas lill-attrici s-somma ta’ erba’ mija u tmienja u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm448.90).
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet, kontra l-kumpanija konvenuta.

Ra li l-kumpanija konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward. Ir-riferta tas-6 ta’ Novembru, 2001, effettivament tindika li s-socjeta’ konvenuta rrifjutat in-notifika u skond il-ligi meta notifika tigi rifjutata din ghandha tghodd bhala notifika valida skond il-ligi.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Ivan Mifsud, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lill-attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti kollha esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm448.90), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-kumpanija konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR